# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025.**

**Numru : 3**

**Rikors numru 565/2017/1FDP**

**Mark Bugeja, Austin Demajo, Joseph Pullicino, George Vella u Wayne Pisani f'isimhom proprju u fl-isem u fl-interess tad-ditta Grant Thornton**

**v.**

**Alexei [recte: Alexiei] Dingli, sussegwentement mibdul għal Alfred Zammit b'digriet tal-15 ta' Novembru 2023, bħala Sindku[1] u Gabriella Agius bħala Segretarju Eżekuttiv, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta (Città Umilissima)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta

[1] Illum is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta huwa Olaf McKay.

minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 2024, li biha laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-istess Kunsill Lokali sabiex iħallas lid-ditta tal-atturi, Grand Thornton, is-somma ta' €27,490.42 bħala drittijiet professjonali għal servizzi ta' kontabilità (*accounting*), bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Ottubru, 2015.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Ġunju, 2017, l-atturi stqarrew li d-ditta Grant Thornton hija kreditriċi tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta fl-ammont ta' €27,490.42. Qalu li dan l-ammont jirrappreżenta ħlas dovut bħala drittijiet professjonali għal servizzi ta' kontabilità, li d-ditta Grant Thornton ipprovdiet lill-Kunsill, fuq talba tal-istess.

3. Kemm fuq l-ilment li l-Kunsill naqas milli jħallas dan l-ammont bla ġustifikazzjoni siewja, kif ukoll fuq il-premessa li d-ditta Grant Thornton dejjem qdiet l-inkarigu tagħha bir-reqqa u bi professjonalità, l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tikkundanna lil Alexiei Dingli bħala Sindku u Gabriella Agius bħala Segretarju Eżekuttiv, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta (Citta Umillisima) tħallas lid-ditta rikorrenti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, erba' mija u disgħin punt erbgħa tnejn ewro (€27,490.42), rappreżentanti drittijiet professjonali għal servizzi ta' accounting reżi fuq inkarigu tiegħu u minnu aċċettati, u dan skont statement hawn anness u mmarkat Dok A.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali li ġġib id-data tal-5 ta' Ottubru 2015, u bl-imgħaxijiet legali*

*mid-data tan-notifika tal-istess ittra u ċjoè mit-8 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati nomine, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom.»*

4. Bi tweġiba maħlufa tal-25 ta' Lulju, 2017, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta laqa' għall-kawża billi qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fil-konfront tal-Kunsill intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-esponenti mhumiex debituri tagħhom fl-ebda ammont.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti naqsu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom versu l-intimati tant li ma eżegwewx id-doveri tagħhom fil-konfront tal-esponenti.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għalkemm l-intimati stennew ad nauseam lir-rikorrenti biex jeżegwixxu u jrendu s-servizzi professjonali tagħhom, dawn xorta waħda [baqgħu] inadempjenti. Saru diversi laqgħat, anki dawk mill-att amministrattiv, iżda xorta waħda r-rikorrenti naqsu milli jikkonsenjaw dak minnhom promess.*

*4. Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, ix-xogħol professjonali tagħhom qatt ma ġie kompletat u kellu jitkompla minn ditta ta' awdituri li ġew inkarigati sussegwentement għal dik rikorrenti.*

*5. Għaldaqstant it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż a karigu unikament tar-rikorrenti.*

*Illi d-dikjaranti jafu bil-fatti kif esposti sia personalment u sia minn informazzjoni u/jew dokumentazzjoni lilhom mogħtija u/jew disponibbli għalihom.*

*B'riżerva ta' risposti ulterjuri.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar, 2024, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta sabiex iħallas lid-ditta Grand Thornton is-somma ta' €27,490.42, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 2015, kif ukoll bl-imgħaxijiet legali mill-jum tat-8 ta' Ottubru, 2015, sakemm isir il-ħlas.

6. L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

«***Fatti tal-każ***

*30. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti quddiemha, illi d-ditta ta' accountants bl-isem Grant Thornton, illi tagħha r-rikorrenti huma lkoll partners, kienu jipprovdu servizz ta' Accountant lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, u dan sa mis-sena 2010, wara illi kienet rebħet tender pubbliku maħruġ sabiex il-Kunsill Lokali jingħata tali servizz (vide fol 24 sa 52), u dana versu ħlas annwali, ossia 'Retainer' ta' €11,500, li jinkludi l-VAT. (fol 56)*

*31. Jirriżulta illi dan is-servizz kien għall-perjodu ta' erba' snin, bejn l-1 ta' Diċembru 2010 u t-30 ta' Novembru 2014. (fol 73)*

*32. Jirriżulta illi, skont it-tender document, is-servizz li kellhom jipprovdu r-rikorrenti kien jinkludi s-segwenti: (fol 25)*

*a. Take full control of the financial and management reporting systems including bookkeeping (including bank, creditors and debtors reconciliations), payroll and excellent maintenance of Council's Fixed Asset Register.*
*b. Provide the Council with timely information, financial reports and advise on financial matters.*
*c. Provide the appropriate financial operational guidelines, budgets/forecasts and project business plans.*
*d. Implement a cost and management accounting system, to maintain a strong discipline of cost consciousness across the Council.*
*e. Devote a minimum number of hours at the Council to manage this service.*
*f. Attending Finance Committee Meetings or Council Meetings when required.*

*33. Jirriżulta, mix-xhieda prodotta, illi attwalment id-ditta rikorrenti temmet l-inkarigu tagħha f'Ottubru tas-sena 2014.*

*34. Jirriżulta illi, skont l-istatement esibit mir-rikorrenti, is-somma ta' €27,490.42 tirrigwarda s-segwenti invoices illi kienu nħarġu iżda kienu għadhom ma tħallsux: (fol 4)*

| | | |
|---|---|---|
| *10/07/2012 – Ref 028112* | *Accounts 2012* | *3,047.50* |
| *23/11/2012 – Ref 059312* | *Accounts 2012* | *3,047.50* |
| *25/10/2013 – Ref 041913* | *Acc Services Jan - Mar 2013* | *3,230.34* |
| *03/12/2013 – Ref 052513* | *Acc Services Apr - Jun 2013* | *3,230.34* |
| *22/04/2014 – Ref 015714* | *Acc Services Jul - Sep 2013* | *3,230.34* |

| | | |
|---|---|---|
| *15/05/2014 – Ref 21514* | *Acc Services Oct - Dec 2013* | *3,230.34* |
| *28/10/2014 – Ref 46914* | *Acc srvcs Jan - Mar 14* | *3,230.34* |
| *30/12/2014 – Ref 77814* | *Acc srvcs Apr - Jun 14* | *3,456.47* |
| *30/12/2014 – Ref 77914* | *Acc srvcs Jul - Sep14* | *3,456.47* |
| *30/12/2014 – Ref 78014* | *Acc srvcs Oct 14* | *1,152.15* |

*35. Jirriżulta illi minn tali ammont, kellha titnaqqas is-somma ta' €3,047.50, li fit-30 ta' Lulju 2014, ġie mnaqqas da parti tar-rikorrenti stess u indikat bħala 'Valletta LC pmt re inv 15013' fl-istatement tagħha stess.*

*36. Jirriżulta, għalhekk, illi l-bilanċ rikjest mir-rikorrenti kien ta' €27,490.42.*

*37. Jirriżulta, mill-banda 'l oħra, illi l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, tramite r-rappreżentanti tagħha, insistiet illi ebda somma ma hija dovuta, stante illi r-rikorrenti ma ottemperawx ruħhom mal-obbligi kuntrattwali fuqhom imposti fit-tender, u għalhekk ebda somma ma kienet dovuta.*

***Ikkunsidrat***

*38. Jirriżulta, mill-atti tal-każ, illi t-tender għas-servizzi tas-soċjetà rikorrenti kien jispiċċa f'Novembru 2014, u di fatti, l-aħħar invoice tar-rikorrenti tkopri l-perjodu sa Ottubru 2014.*

*39. Jirriżulta illi tali fatt kien ben not lill-Kunsill Lokali sa minn qabel ma skada l-perjodu ta' servizz tar-rikorrenti, iżda xorta waħda ma jidhirx illi l-istess Kunsill Lokali ħa xi passi* **qabel** *ma għalaq il-kuntratt, sabiex jinħareġ u jingħata tender ieħor għas-servizzi ta' accountant.*

*40. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrenti, wara l-għeluq tal-kuntratt tagħhom, waqfu illi jipprovdu s-servizz ta' accountant lill-Kunsill Lokali, u l-Kunsill Lokali kien sprovdut minn accountant għal diversi xhur.*

*41. Jirriżulta illi, madankollu, fi kliem Gabriella Agius, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt, kienu talbu l-assistenza ta' ċerta Glenn kif ukoll ċerta Kurt Camilleri, illi kellhom għarfien tal-accountancy, sabiex jgħinuhom fil-perjodu sakemm eventwalment jinħareġ tender ġdid għas-servizzi ta' accountant, biex ikunu f'pożizzjoni illi jkomplu joperaw, ladarba l-kuntratt tar-rikorrenti kien skada.*

*42. Jirriżulta wkoll illi, nel frattemp, ir-rikorrenti kienu ġew appuntati bħala Awdituri għar-Reġjun Xlokk, illi taħtu jaqa' l-Kunsill Lokali tal-Belt, u għalhekk ma setgħux ikomplu jgħinu lill-Kunsill minħabba f'possibbli kunflitt.*

*43. Jirriżulta, madankollu, illi fil-15 ta' Jannar 2015, fuq talba ta' Gabriella Agius, illi saret fl-14 ta' Jannar 2015 (fol 177), ir-rikorrenti bagħtu d-dokumentazzjoni kollha illi kienet lilhom rikjesta bil-għan illi jkunu jistgħu jsiru l-konteġġi.*

*44. Jirriżulta wkoll, skont Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Belt tas-*

*7 ta' April 2015, li dakinhar il-'financial statements' kienu lkoll ippreżentati u spjegati, u għalhekk, sa dakinhar, l-accounts kollha kienu ġew redatti u konklużi – (vide fol 396).*

*45. Jirriżulta wkoll, nel frattemp, il-Kunsill Lokali tal-Belt qabbad is-servizzi ta' accountant ġdid, fil-bidu tas-sena 2015, din id-darba id-ditta Parker Randall Turner, illi da parti tagħhom, għamlu eżerċizzju sabiex jikkombaċċjaw il-konteġġi illi kienu għamlu r-rikorrenti sa Settembru 2014 mal-konteġġi illi issa kienu pprovdewlhom il-Kunsill tal-Belt Valletta, u rriżulta li kien hemm diskrepanzi, liema diskrepanzi wasslu lill-Kunsill Lokali sabiex jiddeċiedi illi ma jħallasx il-bilanċ dovut lir-rikorrenti.*

*46. Jirriżulta illi tali nuqqas ta' ħlas wassal ukoll għal nuqqas ta' awditjar tal-kotba tal-Kunsill Lokali tal-Belt, u dan peress illi, kif jidher mill-korrispondenza ppreżentata, mibgħuta fis-6 ta' April 2015, huma għarrfu lin-National Audit Office illi sakemm il-Kunsill Lokali tal-Belt ma jħallasx dak dovut, huma ma kinux f'pożizzjoni illi jagħmlu l-awditjar tal-kontijiet tagħhom.*

*47. Nel frattemp, mill-banda 'l oħra, il-Kunsill Lokali, fis-16 ta' April 2015, (fol 317) għarraf lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali illi huma ma kinux kuntenti bil-fatt li r-rikorrenti kienu l-Awdituri tagħhom, u għalhekk talbu għall-intervent tal-Awtoritajiet kompetenti.*

*48. Jirriżulta illi din is-sitwazzjoni baqgħet pendenti għal madwar sena meta finalment, fit-8 ta' April 2016, ġiet imqabbda kumpanija oħra sabiex tagħmel l-awditjar tal-Kunsill Lokali minflok ir-rikorrenti (vide affidavit Professur Alexiei Dingli – fol 253).*

***Ikkunsidrat***

*49. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi filwaqt li mhuwiex ikkontestat illi s-soċjetà rikorrenti prestat is-servizzi għall-kontijiet pendenti, liema servizzi kienu jmorru lura sas-sena 2012, jidher ikkontestat, da parte tal-Kunsill Lokali intimat, in-natura tax-xogħol illi għamlu l-istess rikorrenti, liema nuqqasijiet wasslu, skont ir-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali stess, għal danni illi inkorra l-istess Kunsill.*

*50. Jirriżulta, madankollu, illi l-Kunsill, fl-istadju tal-provi tiegħu, ma ressaq ebda provi li juri illi, b'xi mod, huma sofrew danni riżultat ta' xi nuqqasijiet tar-rikorrenti.*

*51. Jirriżulta wkoll illi, filwaqt li l-Kunsill Lokali taw x'jifhmu illi l-ilmenti tagħhom huma bbażati fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-accountants il-ġodda tagħha, Parker Randall and Turner, irriżulta ċar mix-xhieda tar-rappreżentanti ta' tali ditta, illi ħafna mill-inkonsistenzi illi huma bdew isibu kien riżultat tal-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kienx qiegħed jgħaddilhom l-informazzjoni kollha neċessarja kif ukoll invista tal-fatt illi r-rikorrent temmew l-inkarigu tagħhom f'Settembru 2014 u, minn dakinhar 'il*

*quddiem, l-intimat Kunsill ma kellu ebda mezz biex jispjega differenzi fil-kontijiet u bilanċi li eventwalment ipprovdew lill-accountants il-ġodda tagħhom.*

*52. Jirriżulta wkoll illi l-Kunsill Lokali intimat jisħaq illi, ladarba, skont huma, ir-rikorrenti kienu kissru l-kundizzjonijiet tal-kuntratt lilhom mogħti, għalhekk l-intimat Kunsill Lokali kellha dritt illi ma tħallashomx.*

*53. Din il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi minn imkien ma jidher illi l-Kunsill Lokali intimat ħa xi passi fil-konfront tar-rikorrenti għal xi nuqqasijiet minnhom ravviżati u li kienu responsabbli għalihom ir-rikorrenti, u wisq inqas ma ġiet ippreżentata xi kontrotalba fil-proċeduri odjerni għal xi danni u/jew penali illi r-rikorrenti kellhom jinkorru in vista ta' xi allegat ksur.*

*54. Dana qiegħed jingħad għax, ladarba ġie ppruvat illi s-soċjetà rikorrenti ipprovdiet is-servizzi li hija kellha tipprovdi, u la darba quddiem din l-Qorti ma teżisti ebda kontrotalba daparti tal-intimat Kunsill Lokali għal xi tip ta' penali u/jew kumpens għal xogħol ħażin, ċertament din il-Qorti jkollha tillimita ruħha fuq it-talba kif redatta, u xejn aktar.*

*55. Huwa fatt illi l-Kunsill Lokali intimat, kieku ried, kellu kull dritt illi jipproċedi legalment fil-konfront tar-rikorrenti dwar xi allegat ksur daparti tar-rikorrenti – dana madankollu hija qatt ma għamlet. Kulma għamlet kien illi rrifjutat illi tħallas dak li kien dovut għal servizzi reżi.*

*56. Din il-Qorti jiddispjaċiha tinnota illi tali linja difensjonali ma tista' b'ebda mod tirnexxi, peress illi, mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax illi kien hemm xi nuqqasijiet daparti tar-rikorrenti. Jirriżulta, iżda, illi kien hemm nuqqasijiet daparti tal-Kunsill Lokali tal-Belt illi, għal raġunijiet illi jafuhom huma biss, u li hija l-pjaga tad-dipartimenti u entitajiet kollha governattivi, ma jidhirx illi l-Kunsill ħa ħsieb jipprovdi għall-ħruġ u għoti tat-tender tal-Accountant QABEL ma skada l-kuntratt tar-rikorrenti, u dan ifisser illi għal diversi xhur, il-Kunsill Lokali ma kellhom ebda accountant u għalhekk ma kellhom ebda mezz professjonali biex jiġġestixxu l-kontijiet bankarji u finanzjarji tagħhom.*

*57. Għal tali nuqqas, ċertament ma jaħtu xejn ir-rikorrenti, u ċertament il-Kunsill Lokali intimat ma għandu ebda dritt illi jippretendi li ma jħallas xejn għas-servizzi reżi mir-rikorrenti unikament għax sabu problemi fil-konteġġi hekk kif daħal fix-xena accountant ġdid.*

*58. Jidher ċar illi l-problemi kollha illi ltaqa' magħhom l-accountant il-ġdid ma kienx riżultat ta' nuqqasijiet daparti tar-rikorrenti, iżda kien riżultat ta' nuqqasijiet u omissjonijiet da parti tal-Kunsill Lokali, dovut għal fatt illi għal perjodu ta' żmien kienu sprovvisti minn accountant.*

*59. Għalhekk, id-difiża tal-Kunsill Lokali intimat ma għandhiex mis-sewwa u timmerita illi tiġi miċħuda in toto.»*

7. Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta appella minn din is-sentenza, b'rikors tal-20 ta' Marzu, 2024, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata, billi tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi.

8. Bi tweġiba tat-2 ta' Mejju, 2024, l-atturi fissru li l-appell tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta mhuwiex mistħoqq u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

9. Il-Qorti, wara li rat dak kollu li hemm fl-atti tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, qiegħed jaqsam l-appell tiegħu fi tliet aggravji. Fl-ewwel żewġ aggravji, il-Kunsill qiegħed jilmenta li s-sentenza appellata hija msejsa fuq apprezzament żbaljat tal-provi, u dan prinċipalment għaliex skont il-Kunsill, l-Ewwel Qorti ma qisietx li l-atturi naqsu milli jwettqu l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħhom. Fit-tielet aggravju, il-Kunsill Lokali appellant qiegħed imbagħad jargumenta, li fl-agħar xenarju għalih, l-imgħaxijiet għandhom f'kull każ jibdew jgħaddu

mill-jum ta' din is-sentenza, u mhux mit-8 ta' Ottubru, 2015, bħalma ddeċidiet l-Ewwel Qorti.

11. Nibdew bl-ewwel żewġ aggravji li minħabba r-rabta ta' bejniethom sejrin ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa flimkien.

12. Fl-**ewwel aggravju**, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jitlaq billi jenfasizza li minkejja l-atturi appellati ntrabtu miegħu li jagħlqu l-kontijiet finanzjarji tiegħu għas-snin 2013 u 2014, madankollu dawn naqsu għalkollox milli jwettqu dak ix-xogħol, kif ukoll naqsu milli jikkoperaw mal-Kunsill sabiex minn tal-inqas jagħtuh l-informazzjoni mitluba minnu.

13. Jgħid li mill-ġbir tal-provi ħareġ kif min-naħa tiegħu, huwa ta bosta opportunitajiet lill-atturi sabiex jipprovdulu l-kontijiet finanzjarji kif mitlub fil-ftehim ta' bejniethom, u dan anke billi saħansitra kellhom bosta laqgħat mas-Segretarju Parlamentari ta' dak iż-żmien, il-Perit Stefan Buontempo. Jistqarr li minkejja dan kollu, l-atturi baqgħu ma wettqux l-obbligi kuntrattwali tagħhom, u filwaqt li jgħid li n-nuqqas tal-atturi joħroġ ukoll mix-xhieda tad-ditta Parker Randall Turner, jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti piż biżżejjed lix-xhieda mressqa minnu.

14. Jinsisti li kien proprju għal dawn ir-raġunijiet li huwa ma ħallasx l-ammont mitlub mill-atturi, u fid-dawl ta' dan jisħaq li huwa kellu raġuni

tajba għalfejn ma għaddiex dak il-ħlas.

15. Jissokta billi jargumenta li l-atturi appellati ma setgħux jitolbuh iħallashom ġaladarba huma ma wettqux l-obbligi kuntrattwali tagħhom, u filwaqt li jagħmel riferenza għal klawsola 33 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, isostni li huwa kellu s-setgħa li jsib metodi oħrajn sabiex jiżgura t-twettiq ta' dak li ntalab minnu.

16. B'referenza għall-kritika tal-Ewwel Qorti li huwa naqas milli jippubblika sejħa għall-offerti oħra għall-istess servizzi li kienu jipprovdulu l-atturi, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jfisser li huwa ma setax joħroġ sejħa oħra bħal dik għaliex, bin-nuqqasijiet tal-atturi, huwa spiċċa biex waqa' lura fis-sottomissjoni tal-kontijiet awditjati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO), u b'hekk l-urġenza kienet titlob li huwa jqabbad lid-ditta Parker Randall Turner, b'mod dirett u minnufih. Jagħlaq billi jgħid li kien biss minħabba l-intervent ta' dawn tal-aħħar li l-kontijiet finanzjarji tal-Kunsill tlestew.

17. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta jissokta billi jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tgħarbel sewwa l-fatti tal-każ. Ifisser li t-tilwima ta' bejnu u bejn l-atturi appellati kompliet tikber hekk kif dawn inħatru bħala Awdituri għar-Reġjun Xlokk, li taħtu jaqa' l-Kunsill Lokali tal-Belt. Jgħid li hekk kif il-Kunsill intebaħ b'dan, huwa oppona għaliex deherlu li d-ditta tal-atturi kellha kunflitt ta' interess, anke għaliex il-

kwistjoni ta' bejniethom kienet għadha ma ġietx magħluqa u huwa kien ukoll tilef il-fiduċja li kellu fid-ditta tal-atturi. Jgħid li wara bosta laqgħat, l-Awditur Ġenerali laqa' l-ilmenti tiegħu, tant li ħatarlu ditta oħra ta' awdituri.

18. Fl-aħħar parti tat-tieni aggravju, il-Kunsill Lokali appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll fejn qalet li huwa kellu jressaq id-difiża tiegħu b'kontrotalba. Ifisser li dan ir-raġunament mhuwiex tajjeb għaliex huwa sejjes id-difiża tiegħu fuq l-argument li ġaladarba d-ditta tal-atturi appellati ma wettqitx l-inkarigu mogħti lilha, huwa ma kienx midjun ma' dik id-ditta u b'hekk ma kellu jagħtiha l-ebda ammont. Itenni li kienet biss id-ditta Parker Randall Turner li eventwalment wettqet ix-xogħol li kellu jsir mill-atturi, u għalhekk jirraġuna li l-ħlas kellu jsir lil dawn tal-aħħar u mhux lill-atturi.

19. Din il-Qorti titlaq billi taqbel fil-prinċipju mal-Kunsill Lokali appellant, li huwa ma kellux għalfejn iressaq id-difiża tiegħu bil-mezz ta' kontrotalba.

20. Minn ħarsa lejn l-eċċezzjonijiet li l-Kunsill Lokali konvenut ressaq flimkien mat-tweġiba maħlufa għall-kawża, jidher biċ-ċar li d-difiża tiegħu hija tabilħaqq imsejsa fuq l-argument, li huwa ma għandu x'jagħti xejn lid-ditta tal-atturi, għaliex din naqset għalkollox milli twettaq l-obbligazzjonijiet kuntrattwali li ntrabtet miegħu li twettaq. Bla dubju ta' xejn, l-għeruq legali wara din ix-xorta ta' difiża huma mqabbda sewwasew mal-prinċipju li

jitnissel mill-massima legali ta' *«inademplenti non est ademplendum.»*

21. Fi kliem ħafif, il-prinċipju legali msemmi, jagħti l-jedd lil parti f'kuntratt sabiex ma twettaqx l-obbligazzjonijiet prinċipali tagħha, jekk kemm-il darba l-parti l-oħra fil-kuntratt tkun naqset għalkollox milli twettaq l-obbligi tagħha. Din id-difiża, tagħti għalhekk lok għat-tpattija ta' nuqqas ma' ieħor, u l-ħsieb warajha huwa li mhuwiex sewwa li parti f'kuntratt tistenna lill-parti l-oħra timxi ma' dak li jkun ġie miftiehem, jekk hija stess tkun naqset għalkollox milli timxi ma' dak l-istess ftehim (ara ***Theodora Gauci et v. Frank Saverio Borda*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-7 ta' Novembru, 2008; u ***AX Construction Limited v. Tony Mallia Bonello*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru, 2005).

22. Issa huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li biex parti f'kuntratt tkun tista' tilqa' għal talba għat-twettiq ta' kuntratt fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *inademplenti non est ademplendum,* din m'għandhiex għalfejn tressaq xi kontrotalba sabiex tikseb xi forma ta' dikjarazzjoni li l-parti l-oħra fil-kuntratt tkun naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha. Mod ieħor, parti konvenuta f'kawża għat-twettiq ta' kuntratt tista' ddur lejn dan il-prinċipju fid-difiża tagħha, u dan bħala parti mill-eċċezzjonijiet tagħha (ara ***George Falzon et v. Carmelo Falzon et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023; ***Intercomp Limited v. Boris Achidiacono Limited***

mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015; u ***Fr. Colin Apap v. Kevin Vassallo*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008). Wara kollox huwa sewwasew għalhekk li din ix-xorta ta' difiża ġġib l-isem tal-*exceptio non adimpleti contractus*.

23. Il-Kunsill Lokali appellant qiegħed għalhekk jgħid sewwa li huwa ma kellux għalfejn iressaq din id-difiża tiegħu, bil-mezz ta' kontrotalba.

24. B'daqshekk però ma jfissirx li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta għandu raġun fl-ilmenti tiegħu, u dan għaliex, biex din id-difiża setgħet tkun ta' fejda għalih, huwa kellu juri: (i) li n-nuqqas tal-atturi jikkonsisti fi ksur tar-rabta li hija parti sħiħa mill-ftehim li dwaru qegħdin isejsu l-pretensjonijiet tagħhom; (ii) li l-atturi tassew jaħtu għal dak il-ksur; u (iii) li hemm proporzjonalità bejn in-nuqqasijiet tal-atturi u n-nuqqas tiegħu li jħallashom, jiġifieri li n-nuqqas tal-atturi fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tagħhom kien ta' ċertu toqol jew gravità meta mqabbel man-nuqqas tiegħu li jonqos għalkollox milli jħallashom il-flejjes mitluba (ara ***Peter Plant Limited v. Water Services Corporation*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 2024).

25. Minn dan għandu għalhekk ikun ċar biżżejjed, li mhux kull nuqqas fit-twettiq ta' obbligazzjoni jagħti lok lill-parti l-oħra f'kuntratt biex ma timxix mal-kuntratt.

26. Tassew, huwa miżmum fil-ġurisprudenza, li biex parti f'kuntratt tkun tista' tuża n-nuqqasijiet tal-parti l-oħra biex terġa' lura milli twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha, in-nuqqasijiet inkwistjoni għandhom ikunu ta' sura *«sostanzjali»* (ara ***Suncrest Hotels plc v. Roger Degaetano et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023). Jekk ma jkunux ta' din is-sura, il-parti li tonqos milli timxi bl-eżatt mal-kuntratt, ma tistax titqies inadempjenti, imma tibqa' obbligata li ssewwi n-nuqqas jew inkella taċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqilha titħallas (ara ***Horizon Terminals Limited v. Harbour Investments Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 2022).

27. Ta' min isemmi, li każ klassiku fejn id-difetti ġeneralment ma jitqiesux li huma ta' sura «*sostanzjali*», huwa proprju fejn ix-xogħol li jkun twettaq ħażin jew inkella ma jkunx tal-livell mistenni, ikun jista' faċilment jissewwa. F'każ bħal dan, wieħed ma jkunx jista' jargumenta b'suċċess li x-xogħol mitlub minnu ma jkunx twettaq, u għaldaqstant ma jistax jopponi għal talba għal ħlas fuq l-argument li x-xogħol mitlub minnu ma sarx (ara ***Anton Cuschieri noe v. Carmelo Bertone et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2007).

28. Huwa wkoll magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li anke f'dawk il-każijiet li fihom parti tonqos milli twettaq biċċa mix-xogħol kollu li tkun

tqabbdet tagħmel, il-parti l-oħra ma jkollhiex jedd li tirrifjuta tħallas għal dak ix-xogħol li jkun sarilha, u jkun swielha. Fis-sewwa, in-nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt f'biċċa minnu, ma jistax jiġi mqabbel ma nuqqas sħiħ ta' twettiq, u għalhekk jingħad li parti ma tistax tirrifjuta li tħallas għal dak ix-xogħol li tkun gawdiet minnu (ara ***Jeremy Salomone v. M&E Installations Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023; u ***Peter Montebello et v. Grezzju Azzopardi*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2009).

29. B'dawn il-prinċipji kollha f'moħħha, din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Kunsill Lokali appellant ma jista' jsib l-ebda wens fid-difiża tal-*exceptio non adimpleti contractus,* u dan għal bosta raġunijiet.

30. Jibda billi jiġi osservat li s-somma mitluba mill-atturi ma tirreferix biss għas-servizzi ta' kontabilità b'rabta mas-sena finanzjarja 2014, iżda tmur lura għas-servizzi li ngħataw lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, fis-sentejn ta' qabel, jiġifieri matul is-snin 2012 u 2013. Kemm hu hekk, mis-somma sħiħa ta' €27,490.42, hija biss is-somma ta' €11,521.56 li tirreferi għax-xogħol li sar b'rabta mas-sena finanzjarja 2014, u l-bilanċ (€15,968.86) jirreferi kollu għax-xogħol li sar fis-snin 2012 u 2013 (ara l-prospett f'paġna 4 tal-atti tal-kawża).

31. Issa, mill-atti tal-kawża jirriżulta li għas-snin 2012 u 2013, ix-xogħol li kellu jsir sar, jew minn tal-inqas sar fil-parti l-kbira tiegħu, għaliex li kieku ma kienx hekk, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ma kienx sejjer ikun f'qagħda li japprova l-kontijiet finanzjarji li tħejjewlu mid-ditta tal-atturi għal dak il-perjodu. Kemm hu hekk, mir-rapport imsemmi *«Valletta Local Council Report and Financial Statements for the year ended 31 December 2013»* (f'paġni 398 sa 421 tal-atti tal-kawża), li tħejja minn *«Grant Thornton on behalf of Valletta Local Council»,* jidher li fid-19 ta' Frar, 2014, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta tassew approva l-kontijiet finanzjarji għas-sena 2013.

32. Wieħed għandu wkoll japprezza, li fost affarijiet oħra, dawn il-kontijiet jinkludu bosta dettalji finanzjarji fosthom: *statement of comprehensive income*; *statement of financial position*; *statement of changes in equity*; *statement of cash flows;* lista ta' *«property plant and equipment»*; dikjarazzjoni dwar id-dħul dħul tal-Kunsill; dikjarazzjoni dwar l-ispejjeż kemm amministrattivi kif ukoll għall-operat tal-Kunsill; u dikjarazzjoni dwar il-flejjes dovuti lill-Kunsill kif ukoll dawk dovuti mill-Kunsill. Ma jistax ikun għalhekk li d-ditta tal-atturi ma għamlet xejn minn dak li l-Kunsill qabbadha tagħmel.

33. Ta' min isemmi wkoll li fl-istess kontijiet għas-sena finanzjarja 2013, hemm ukoll riferenza għall-figuri tas-sena finanzjarja 2012, u fih

innifsu, dan il-fatt juri kif min-naħa tagħha, id-ditta tal-atturi kienet ukoll ħadmet qatigħ fuq il-kontijiet tal-Kunsill b'rabta mas-sena 2012.

34. Jekk dan mhux biżżejjed, fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti dwar jekk il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta kellux xi raġuni partikolari għalfejn ma ħallasx lid-ditta tal-atturi għas-servizzi li ngħatawlu b'rabta mal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2013, is-Segretarju tal-Kunsill, wieġbet bla tlaqliq *«Le, Le.»* Ftit wara, għall-mistoqsija oħra dwar jekk il-Kunsill kellux xi ilmenti b'rabta ma' dawk il-kontijiet, l-istess Segretarju kkonfermat li l-Kunsill ma kellux (ara l-kontroeżami ta' Gabriella Agius f'paġna 433 tal-atti tal-kawża).

35. Kif rajna iktar kmieni, l-ilment li x-xogħol ma jkunx twettaq kollu, mhuwiex biżżejjed biex jagħti lok lill-kommittent tax-xogħol sabiex jippretendi li ma jħallas xejn, u billi kif qegħdin naraw, mhuwiex il-każ li d-ditta tal-atturi m'għamlet xejn minn dak li tqabbdet tagħmel mill-Kunsill, l-istess Kunsill ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha b'xi mod jew ieħor tilqa' d-difiża tiegħu li huwa ma kellu x'jagħti xejn lid-ditta tal-atturi.

36. Dan ukoll biex ma jingħadx li anke fir-rigward ta' dak ix-xogħol u informazzjoni li l-Kunsill qiegħed jilmenta li ma ngħatawlux jew inkella li qiegħed jgħid li ngħatawlu ħażin, il-Qorti rat li fl-aħħar mill-aħħar, f'Mejju 2016, jiġifieri iktar minn sena qabel ma nbdiet din il-kawża, id-ditta tal-

atturi kienet eventwalment bagħtet l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mitluba mill-Kunsill, tant li s-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill ikkonfermat li wara dik il-korrispondenza, il-Kunsill ma kienx talab iktar informazzjoni jew dokumenti mingħand l-atturi għaliex ma kienx baqa' l-ebda ħtieġa (ara l-kontroeżami ta' Gabriella Agius, f'paġna 477 tal-atti tal-kawża; l-ittra tas-26 ta' Mejju, 2016, Dok MB9, f'paġni 111 sa 112 tal-atti tal-kawża; u l-kontroeżami ta' Mark Bugeja, f'paġna 224 tal-atti tal-kawża).

37. Fuq kollox, jirriżulta wkoll li fl-istess żmien, jiġifieri f'Mejju tas-sena 2016, il-Kunsill Lokali appellant kien saħansitra bagħat ittra lid-ditta tal-atturi (ara Dok MB13, f'paġna 213 tal-atti tal-kawża), li fiha stqarr dan li ġej:

> *«Dear Sir/Madame*
>
> ***According to our records as at 31.12.2014, <u>the amount due by our Council to your company was €27,490.42</u>****. If you do not agree with this balance, kindly use the enclosed envelope and send an account history for 2014 to our auditors:*
>
> *3a Accountants*
> *(omissis)*
>
> *We will eventually inform you of any discrepancies between our records.*
>
> *It would be of assistance to us if you would give this request your early attention. This is a routine test of our records and has no further significance.*
>
> *Yours faithfully*
>
> *Ms. Gabriella Agius*
> *Executive Secretary – Local Council Valletta*
>
> *(omissis)»*

38. Fil-fehma tal-Qorti, bil-kontenut ta' din l-ittra, il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta għaraf li huwa tabilħaqq debitur tad-ditta tal-atturi fl-ammont ta' €27,490.42, u ġaladarba fl-**Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** nsibu li: *«[k]ull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha»,* mela allura, din l-istqarrija tal-Kunsill hija l-aqwa prova kontrih dwar li huwa tassew għandu jagħti lid-ditta tal-atturi s-somma ta' €27,490.42 (ara f'dan is-sens, però f'kuntest differenti ***Charlette Ciantar v. Dr. Katiucha Gatt Galea*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Jannar, 2025).

39. Kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, *«skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum»* u ġaladarba s-somma msemmija fid-dikjarazzjoni li għadha kif issir riferenza għaliha hija l-istess waħda li l-Kunsill ġie kkundannat li jħallas lid-ditta tal-atturi, mela allura, il-Kunsill appellant ma jistax jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannah iħallas dak l-ammont (ara ***Paul Ciantar et v. Louis Pace et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru, 2024 u ***Elton Mamo v. Dr Arthur Azzopardi noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 2024).

40. Għalkemm dan huwa biżżejjed biex iwassal għaċ-ċaħda tal-ewwel u t-tieni aggravji, sabiex ikun ingħad kollox u l-affarijiet ikunu ċari, din il-

Qorti hija f'kull każ tal-fehma li l-artikolu 33 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt ma seta' jbiddel xejn mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.[2] Apparti li l-Kunsill ma ressaq l-ebda eċċezzjoni fis-sens li mill-ammont mitlub mill-atturi riedu jitnaqqsu dawk il-flejjes li huwa ħallas lid-ditta Parker Randall Turner sabiex iwettqu dak ix-xogħol li skontu baqa' ma rċeviex mingħand l-atturi, f'kull każ, il-Kunsill appellant xorta waħda ma ressaqx prova dwar kemm huwa ħallas lil dik id-ditta, u għalhekk l-artikolu msemmi mill-appellanti ma seta' jbiddel xejn mill-konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

41. B'żieda ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi, huwa wkoll ta' xejn għall-Kunsill Lokali appellant, li jirreferi għall-kwistjoni li nħolqot b'rabta mal-awditjar tal-kontijiet tal-Kunsill, wara li d-ditta tal-atturi nħatret bħala awditur fuq il-Kunsilli Lokali kollha li jaqgħu fir-Reġjun tax-Xlokk. Dik il-ħatra ma kellha x'taqsam xejn mat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni li kien għal servizzi ta' kontabiltà, u għaldaqstant hija għalkollox irrilevanti.

42. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel u t-tieni aggravji tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta mhumiex għalhekk mistħoqqa, u fid-dawl ta' dan kollu qegħdin jiġu miċħuda.

---

[2] Din il-klawsola taqra: *«If the Contractor for whatever reason fails to provide or perform the Service in whole or in part in accordance with the provisions of the Contract Documents then, without prejudice to any other remedy contained herein, the Employer may by its own or other workmen provide and perform such Service of part therefore in which the Contractor has made default. The costs and charges incurred by the Employer in so doing shall be paid by the Contractor to the Employer on demand or may be deducted by the Employer from any monies due or which may become due to the Contractor.»*

43. Jifdal biss it-**<u>tielet aggravju</u>** li fih il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta qiegħed idawwar ħarstu lejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam dwar il-ħlas tal-imgħaxijiet legali. F'dan l-aggravju, il-Kunsill Lokali appellant qiegħed ifisser li huwa ma jaqbilx li l-imgħaxijiet legali għandhom jibdew jgħaddu mit-8 ta' Ottubru, 2015. Jargumenta li ġaladarba huwa kkontesta l-ammont mitlub mill-atturi, u dawn naqsu milli jiddikjaraw li l-ammont mitlub minnhom huwa ċert, likwidu u dovut, mela allura l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħti l-imgħaxijiet mit-8 ta' Ottubru, 2015. Fuq is-saħħa ta' dan, jikkonkludi, li fl-agħar xenarju għalih, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn meta tingħata din is-sentenza, u mhux minn qabel.

44. Il-Qorti titlaq billi tosserva, li fir-rikors maħluf li bih bdew din il-kawża, l-atturi ma fissrux jekk humiex jippretendu li jiksbu l-imgħax kummerċjali jew inkella l-imgħax ċivili. Kien għalhekk jaqa' f'ħoġor l-Ewwel Qorti li tara x'tip ta' mgħax huwa dovut.

45. Dwar dan għandu jingħad li mhux kull min ikun involut f'attività ekonomika jista' jitqies bħala kummerċjant għall-għanijiet tal-**Artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**. Biex jingħata eżempju, is-servizzi mogħtija minn professjonisti liberali ġeneralment ma jitqisux bħala atti tal-kummerċ, iżda jitqiesu bħala atti ċivili (ara ***Giuseppe***

***Muscat et v. Joyce Frendo*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 1955). Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jinsab regolat fil-**Kodiċi Ċivili** u mhux fil-**Kodiċi tal-Kummerċ**.

46. Huwa għalhekk miżmum li l-kuntratti mwettqa minn professjonisti liberali, bħal ngħidu aħna kontabbli, avukati jew periti, jibqgħu dejjem ta' karattru ċivili sakemm il-flus li huma jieħdu ma jiġux investiti f'negozju li jkollu l-karatteristiċi ta' impriża (ara ***Giuseppe Mizzi v. George Xuereb*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 1964).

47. Fil-każ tagħna s-servizzi mogħtija mill-atturi u d-ditta tagħhom huma dawk ta' kontabbli u għalhekk dawn jieħdu sura ċivili u mhux waħda kummerċjali. Billi però s-servizz li għalih l-atturi talbu l-ħlas ingħata lill-Kunsill Lokali, li skont l-**Artikolu 26A tal-Kodiċi Kummerċjali** jaqa' fid-definizzjoni ta' *«awtorità pubblika»,* u fl-istess ħin, l-attivitajiet kummerċjali mwettqa minn professjonisti liberali jaqgħu fid-definizzjoni ta' *«intrapriża»* fl-istess Artikolu, jaf li f'dan il-każ, l-atturi kienu intitolati għall-ħlas tal-imgħaxijiet bil-mod ta' kif inhu msemmi fl-**Artikolu 26D tal-Kodiċi Kummerċjali**.

48. Minkejja dan, l-atturi però ma talbux li jitħallsu l-imgħaxijiet skont kif imsemmi fl-**Artikolu 26D tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, iżda mill-jum tat-8 ta' Ottubru, 2015, li jirrappreżenta d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-5

ta' Ottubru, 2015. Ifisser b'hekk li l-atturi qegħdin jitolbu l-imgħaxijiet b'riħet l-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili**, u għaldaqstant il-Qorti jeħtiġilha tqis jekk l-elementi mitluba mill-artikolu msemmi ġewx sodisfatti.

49. Essenzjalment, l-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju.»*

50. Din il-Qorti jirriżultalha li b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru, 2015, l-atturi tassew sejħu lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex jitħallsu s-somma ta' €27,490.42 *«rappreżentanti drittijiet professjonali għal servizzi ta' accounting»* (ara l-ittra uffiċjali 3337/15 f'paġna 239 tal-atti tal-kawża). Din hija l-istess somma li l-atturi talbu f'din il-kawża, u inċidentalment hija wkoll l-istess waħda li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta għaraf li għandu jagħti lid-ditta tal-atturi permezz ta' ittra mibgħuta f'Mejju tas-sena 2016 (erġa' ara paragrafu 37 ta' din is-sentenza).

51. Billi m'għandux ikun hemm l-iċken dubju li l-ittra uffiċjali msemmija tikkwalifika bħala att ġudizzjarju skont il-liġi, u ġaladarba jirriżulta wkoll li l-Kunsill Lokali konvenut laqa' n-notifika ta' dik l-ittra uffiċjali fit-8 ta' Ottubru, 2015 (ara t-timbru tal-Purtier John Baptist Dimech, fuq id-dahar ta' paġna 239 tal-atti tal-kawża), isegwi li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar it-tluq tal-imgħaxijiet mill-jum tat-8 ta' Ottubru, 2015, hija tajba.

52. Fuq nota aħħarija, il-Qorti tagħlaq billi tagħmilha ċara li ma taqbel xejn mal-Kunsill Lokali appellant li l-atturi kellhom għalfejn jagħmlu xi forma ta' dikjarazzjoni sagramentali li s-somma mitluba minnhom hija *«ċerta, likwida u dovuta.»* Kif qegħdin jgħidu sewwa l-atturi fit-tweġiba għall-appell, din il-kawża ma tressqitx bil-proċedura sommarja speċjali taħt l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

53. Fuq kollox, il-fatt waħdu li l-atturi talbu somma speċifika, ma juri xejn għajr li mill-perspettiva tal-atturi, is-somma mitluba minnhom hija waħda *«ċerta»* u *«likwida.»* Barra minn hekk, sa mill-ewwel premessa tar-rikors maħluf l-atturi stqarrew li d-ditta tagħhom *«hija <u>kreditriċi</u> tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta»* fl-ammont ta' €27,490.42, u din l-istqarrija ma tfisser xejn għajr li għall-atturi, is-somma mitluba minnhom hija waħda *«dovuta.»*

54. Jiġi b'hekk li l-aħħar aggravju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta lanqas ma huwa mistħoqq, u għaldaqstant l-appell sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

l-appell tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, u għalhekk qiegħda tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata.

L-ispejjeż kollha b'rabta ma' din il-proċedura tal-appell għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss